Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 46

**28 ta' Ġunju 2022**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar il-Ħamis 28 ta' Ġunju 2022 fil-5:00 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |
| Joline Attard - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

2,/4, Triq San Guzepp, Isla, ISL1229, Malta.

☎: +356 21662424 @ :isla.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 46 għad-disa’ leġislatura

| | |
|---|---|
| **46.1** | **Qari tal-ittri ta’ apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm |
| **46.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 46.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 45, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta’ imejl u ġew approvati mill- kunsilliera s-Sinj. Corinne Buhagiar u ġew issekondti mill-kunsilliera is-Sinj. Joline Attard. |
| **46.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 46.03.01 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li fit-30 ta’ Mejju 2022 flimkien mas-segretarju eżekuttiv iltaqgħu mas-Segretarju tal-Ministru Onor. Clayton Bartolo tal-MTA fejn iddiskutejna dwar il-bankina ta’ Triq il-Vitorja sabiex tiġi pavimentata għaliex Infrastructure Malta ma għandhomx baġit biżżejjed biex issir pavimentata imma issir bil-konkos. Is-segretarju qalilna li l-periti ta’ Infrastructure Malta għandhom jibgħatu BOQ lil MTA sabiex ikunu jistgħu idaħħlu mal-baġit tas-sena 2023. Is-Sinkdu ikkominkia mal-perit ta’ Infrustructure Malta biex jara fejn waslu biex tibda Triq il-Vitorja fejn qal li l-proċeduri mexjien għax qed jikkomunikaw mal-Enemalta. |
| 46.03.02 | Is-Sindku informa lil Kunsilliera li flimkien mas-segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa fl-1 ta’ Ġunju 2022 mal-periti Sara Screiber u Wendy Jo fejn dawn ser japplikaw f’isem il-Kunsill Lokali tal-Isla biex il-Kunsill tal-Isla jissieħeb fil-proġett **EIT Food Consortium as a Project Contributor** . Dan il-proġett iġib l-isem **(NatuRE-based Co-CREATion in SenglEA – Beauty in Diversity)** dwar l-ambjent fil-lokalita’ tal-Isla. |
| 46.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li wara l-attivita li kellna ta’ Once Upon a Time f’ Jum L-Isla kien ġie diskuss li flimkien mas-segretarju eżekuttiv, il-kap tal-iskola u l-grupp tal-eko skola jżuru il-ministeru tal-Onor. Miriam Dalli. Fl-14 ta’ Ġunju 2022 żaru l-ministeru fejn spjegaw lil Onor . Miriam Dalli l-bżonn ta’ spazju miftuħ. L-Istudenti proponew li l-bejt tal-iskola jsir *roof garden* u preżentaw il-pjanata lil Onor. Miriam Dalli sabiex dan il-bejt jintuża kemm mill-istudenti kif ukoll mill-publiku. Il-Proċess beda u ġew il-periti sabiex jiċċekjaw il-bejt. Waqt din il-laqgħa is-sindku spjega lil Onor Miriam Dalli li l-kunsill għandu bżonn |

| | |
|---|---|
| | l-għajnuna ta' ġardinar fil-Ġnien tal-Gardjola għalhekk il-kunsill għandu jiltaqa' mad-direttur ta' Parks Malta fit-12 ta' Lulju 2022. |
| 46.03.04 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li fis-16 ta' Ġunju 2022 ġew il-ħaddiema tal-cleansing department sabiex jirranġaw il-funatana tal-Gardjola għaliex qed jinżel l-ilma minn taħt. |
| 46.03.05 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ħadd ma attenda għal laqgħa tar-Reġjun fit – 23 ta' Ġunju 2022 għaliex ħadd ma seta' mill-kunsilliera u s-sindku, l-viċi sindku, w s-segretarju eżekuttiv kienu imsifrien fuq training f' Norway. Il-Kunsill informa lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun li ħadd ma seta' jattendi. |
| 46.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellu laqgħa mas-Sinj Tania Agius mal-health department sabiex issir attivita biex jiċċekjaw iz-zokkor u l-presjoni quddiem il-librerija u din tkun parti mil-korsijiet tan Norway Grants. Din is-sessjoni ser tkun il-bidu ta' aktar sessjonijiet dwar saħħa. |
| 46.03.07 | Is-Sindku ressaq l-ilmenti li qed jidħlu dwar il-kajik li hemm fil-parkeġġ tal-AUM li huwa mimli bil-boroż taż-żibel. L-AUM qalu li l-kunsill għandu jieħu ħsieb biex inaddaf, iżda il-kunsill ma għandu l-ebda informazzjoni li l-art hija tal-kunsill għalhekk il-kunsilliera qablu li l-kunsill m'għandux inaddaff f'żona li l-art ma taqax taħt il-kunsill. Meta iż-żona taqa' taħt il-kunsill, il-kunsill lest li jnaddaf bħal żoni oħra. |
| 46.03.08 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera sabiex jaraw jekk jaqblux li l-grawnd tal-ponta għandux jinfetaħ għal użu tat-tfal għal xi ftit ġimgħat. Il-Kunsilliera iddeċidew li jinfetaħ għall ftit ġimgħat mingħajr ħlas, iżda ma jkun hemm ħadd li jieħu ħsieb. |
| 46.03.09 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li s-sindku kellu laqgħa mas-Sinj Lucianne mill-Fondazzjoni tal-kottonera sabiex il-kunsill jista' jressaq xi xogħol biex issir mill-fondazzjoni bħal żebgħa ta' bankijiet u xi bankini fi Triq il-Maċina u Triq l-Oratorju bil-ħaddiema tal-public works. Il-bankina ta' quddiem il-ħwienet ta St. Cathrine u tal-ħaxix kienu infurmaw lil ħaddiema li ma jridux li issir il-bankina. Il-Kuntrattur kien mar jgħid lil tal-ħwienet li ser jagħmlu il-bankina u tal-wienet qalulhom li m'għandhomx għalfejn jagħmlu l-bankina ta' quddiemhom għaliex għada tajba. |
| 46.03.10 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-Ġnien tal-Gardjola għandu jinalaq fid-9.00pm minħabba ċertu tfal arditi li qed iħebbu għall-attendants tal-letrini. L-attendant għamel rapport l-għassa. |

| | |
|---|---|
| 46.03.11 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill kien applika għal fondi sabiex issir attivita kulturali. Din l-attivita kienet ser issir bit-tema tal-ħġejjeġ ta' San Ġwann iżda ma saritx għaliex l-imejl li ħadna l-fondi ġiet wara d-data li kienet ser issir l-attivita. Għalhekk ser nitkellmu mad-dipartiment jekk nistgħux nużaw dawn il-fondi is-sena id-dieħla biex issir is-sena id-dieħal f'Ġunju 2023. |
| 46.03.12 | Is-Sindku ressaq l-imejl lil-kunsilliera mibgħuta mid-dipartiment dwar l-iskema Proġetti Infrastutturali Maġġuri li saru mill-Gvern reġgħet fetħet sa l-aħħar ta' Settembru  għalhekk is-Sindku informa lis-Sinj. Marisa Pisani biex jiltaqgħu biex jaraw x'kien hemm ħażin fl-applikazzjoni sabiex il-kunsill jerġa jitfa' din l-applikazzjoni għal dawn il-fondi. |
| 46.03.13 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kuntrattur tal-knies għandu jitnaqqaslu 20 % tal-kont għaliex għal dan l-aħħar xhur il-knies mhux qed issir sew. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 46.03.14 | Is-Sindku ressaq l-imejl mibgħuta mis-salesjani sabiex jużaw il-grawnd tal-futbol biex issir YES summercamp mis-salesjani. Il-Kunsilliera qablu dwar din it-talba għall ġranet mitluba fix-xahar ta' Lulju 2022. |
| 46.03.15 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li saru żewġ bollards temporanju fi Triq iż-Żewġ Mini minħabba l-permess li nħareġ biex issir scaffolding fi Triq iż-Żewġ Mini, iżda għalkemm għandu t-tabelli ta' No Parking xorta qed jipparkjaw u l-karrozzi qed jeħlu biex jgħaddu minn din il-parti. |
| 46.03.16 | Is-sindku ressaq imejl li fid-19 ta' Lulju 2022 is-Sindku mistieden sabiex immur l-Esploara biex jattendi għall-attivita Esperiment tikka Xjenza. |
| 46.03.17 | Is-Sindku informa li fil- 15 ta' Lulju 2022 ser issir Clean Up fis-6:00pm mal-ministeru tal-Onor Miriam Dalli kif ukoll mal-grupp Eko Skola tal-iskola Primarja Santa Margerita Isla. |
| 46.03.18 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li is-Sinj. Isabelle Warrington bagħtet imejl fit-12 ta' Ġunju 2022 fejn ser toħloq attivita fis-27 ta' Lulju 2022 fi Pjazza Andrea Debono billi jinżebgħu l-bankijiet ta' madwar il-Pjazza. Aktar informazzjoni l-quddiem. |
| 46.03.19 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv bagħtu imejl lir-Reġjun Port kif qiegħed it-tender tal-iskart, bil-ħinijiet u l-ġranet tal-lokalita' tal-Isla sabiex ikollhom informazzjon i meta tinħareġ it-tender tar-Reġjun għal-ġbirt ta' skart. S'issa għad ma għandniex aktar informazzjoni dwar din it-tender. |
| 45.03.20 | Is-Sindku preżenta imejl mibgħuta mill-AKL, CIR AKL 2022/056 Sessjoni Parlamentari bit-titlu '' Abbużi fuq l-Anzjani u Drittijiet'' mtella' |

| | |
|---|---|
| | mill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani lis-sindki sabiex jattendu fit-30 ta' Settembru 2022. |
| 46.03.21 | Is-Sindku ressaq imejl mibgħuta minn għand is-sinj. Cassar Charlene dwar upgrading ta Charging pillars fi Triq il-Vitorja u fix-xatt. Tax-Xatt trid tinbidel minħabba l-connection. |
| 46.03.22 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv, iltaqgħu mal-entitajiet li hemm ġewwa Boiler Wahrf sabiex jintlaħaq ftehim biex il-bowsers jgħaddu minn naħa ta' Palombu u r-residenti tal-Isla jkollhom aċċess biex jipparkjaw ġewwa Boiler Wharf. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet imejl lis-Sur Jesmond Grima direttur ta' TM, lis-Sur Pavlos Buhagiar assistent direttur tat-TM, lis-Sur Matthew Vella Direttur u lis-Sur Lewis Baldacchino Operations Managers tal-PLO Malta, lis-Sur Joe Sant Fournier Operations Manager tal-Gozo Fast Ferries u lil Kaptan Gaetano Mallia mill-Virtu Ferries u lis-Sur Simon Zammit mill-Palumbo. Dan huwa impossibli qabel it-Transport Malta ikollhom żewġ ħaddiema extra biex tinfetaħ u tinalaq il-gate, kif ukoll id-direttur is-Sur Jesmond Grima qed jitlob sabiex jiġi restawrat is-sur sabiex ma jkunx hemm xi inċidenti għar-residenti li jidħlu bil-vettura tagħhom għaliex dan is-sur huwa perikoluż. |
| 46.03.23 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li tkellem mal-manager tal-GHRC dwar ix-xogħol li qed issir fil-parkeġġ tad-daħla tal-Isla kif ukoll issa li spiċċaw l-istudenti mill-iskola bil-vakanzi tas-sajf ser ikomplu fejn l-iskola. |
| 46.03.24 | Is-Sinkdu ressaq imejl minn għand Ryan Muscat fejn informa lill-kunsilliera li tal-Festa ser jorganizzaw BBQ fil-Gardjola fid-9 t' Awissu 2022 b'kollaborazzjoni mal-kunsill. Kif ukoll ressaq ittra mibgħuta minn għand Ryan Muscat dwar Spettaklu Piroteknikiu fix-xatt f'lejliet il-festa. Is-Sindku bagħat ċirkulari lil ħwienet u lir-restoranti tax-xatt sabiex jiltaqgħu fis-sala tal-kunsill fil-5 ta' Lulju 2022 fil-5.30pm biex jikkolaboraw mal-kumitat tal-Grupp tan-Nar Marija Bambina fejn ser issir scaffolding għal tlett speakers kbar minn Triq Dingli Cornelio sa Triq il-Mina tax-xatt. |
| 46.03.25 | Is-sindku resssaq imjel minn għand SHS sabiex il-kunsill jerġa jikkolabora biex jiġi ippublikat il-ktieb informattiv dwar it-tagħrif storiku tal-Belt tal-Isla. Il-Kunsilliera qablu li l-kunsill ser jikkolabora biex joħroġ 300 ewro għal din il-pubblikazzjoni. |
| 46.03.26 | Is-Sindku ressaq kwotazzjoni minn Tutto Sport sabiex jinxtraw apparat biex issir tournament tas-Ssenglea youngsters b'kollaborazzjoni mal-kunsill lokali għalhekk il-kunsilliera qablu li jikkolabora billi jingħataw |

| | |
|---|---|
| | 300 ewro għax-xiri ta' dan l-apparat (blalen, cones, bibs, suffari, u slilem). |
| 46.03.27 | Is-Sindku ressaq ittra mil-każin tal-banda sabiex il-kunsill jikkolabora mal-każin biex jiġi ippublikat il-programm tal-5 ta' Settembru 2022 u reklamar fuq il-fuljett. Il-Kunsilliera qablu li l-kunsill għandu jikkolabora ma l-entitajiet li jagħmlu t-talba tagħhom u jingħataw kollha l-istess ammont ta' 300 mitt ewro. |
| 46.03.28 | Is-Sindku informa lil kunsillier li it-tieni laqgħa fis-Serbia ser tkun mis-7 sal-14 t' Ottubru fejn ser jitilgħu ħames żgħażagħ flimkien mas-Sindku, Joline Attard u Malcolm Gatt, iż-żgħażagħ ser ikunu Martina Livori , Tanaia Brincat, Alaya Bonello, Dylan Muscat u Karl Agius. Il-Ġimgħa id-dieħal ser jiltaqgħu maż-żgħażagħ sabiex jiddiskutu mal-project Manager Arthur Perici sabiex jieħdu ħsieb il-FB page ta dan il-proġett. Il-Kunsill Lokali ma ħareġ l-ebda fondi mill-kunsill dwar l-ewwel laqgħa li kien hemm fis-Serbia, kif ukoll għat-taħriġ ġewwa Norway ( Larvik ). |
| 46.03.29 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera dwar il-problemi tal-letrini sabiex il-letrini jingħataw lil-privat u tinħareġ tender. Is-Sindku kien kellem lis-Sur Mario Fava tal-AKL jekk tistax issir. Is-Sur Mario Fava kien qal lis-sindku li din tista issir b'tender. Il-Kunsilliera qablu li tinata lil privat u tiġi bi ħlas biex tintuża. |
| 46.03.30 | Is-Sindku ressaq suġġeriment li biex tinkera is-sala għandu jitqabbad security sabiex jassigura li fil-10.30 jintefa' is-sound. Is-Security għandu jitħallas il-minimum ta' erba' siegħat. Il-Kunsilliera qablu li mit-28 ta' Ġunju 2022 meta issir kiri tas-sala irrid jiġi ibbukjat security. |
| 46.03.31 | Is-Sur Anthony Bonavia attenda għal-laqgħa dwar applikazzjoni tal-ELOGE sabiex il-kunsill japplika għall isem prestiġjuż ġewwa l-Ewropa. Is-Segretarju ser tikkuntatja lis-Sur Robert Tabone sabiex tara kif tista tapplika għall dan it-titlu sat-12 t' Awissu 2022. |
| 46.03.32 | Is-Sindku ressaq imejl datata 22 ta' Ġunju 2022 dwar Solar Paver fil-Pjazza għalhekk talab lil kunsilliera x'jaħsbu dwar din l-inizjattiva, il-kunsilliera qablu li għandu jinata appuntament sabiex tiġi diskussa din il-proposta. |
| **46.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 46.5.1 | Ma kien hemm |
| **46.6** | **Rapporti** |

| | |
|---|---|
| 46.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet l-Managment letter bħala risposta lil awdituri, din intbgħatet lil kunsilliera kollha b'imejl. |
| 46.6.2 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imjel rapporti tal-*Purchase Order* ta' Mejju 2022 *u Petty Cash* għax-xahar ta' Ġunju 2022 fejn ġew approvati mill- kunsilliera Corinne Buhagiar u s-sekondati mil-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia. |
| **46.7** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 46.7.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 6/2022 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mis- sinj. Corinne Buhagiar u s-Sur Anthony Bonavia. |
| **46.08** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 46.08.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 25 ta' Lulju 2022 fil-5:00p.m |

Konfermati, illum 25 ta' Lulju 2022

IFFIRMATI
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATI
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv